

## Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: Il-plenarja tiltaqa' għall-ewwel darba



Is-Sibt 19 ta' Ġunju fi Strasburgu saret il-laqgħa plenarja inawgurali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. © EP

**Is-Sibt 19 ta' Ġunju, fi Strasburgu saret il-laqgħa plenarja inawgurali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.**

Il-plenarja tal-lum timmarka mument importanti ieħor fil-ħajja tal-Konferenza – eżerċizzju Ewropew demokratiku, miftuħ u inklużiv bla preċedent.

Wara d-dikjarazzjonijiet tal-ftuħ tal-Kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv, rappreżentanti – inklużi ċittadini – iddiskutew l-għan u l-aspettattivi tal-Konferenza, inklużi I-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, il-Panels Nazzjonali u avvenimenti, u l-[Pjattaforma Digideli Multilingwi](#). L-Avveniment taċ-Ċittadini Ewropej ta' Liżbona, li sar fis-17 ta' Ġunju, intlaqa' wkoll mill-Ko-Presidenti.

It-tieni parti ffukat fuq kwistjonijiet aktar proċedurali inkluż il-kalendari tal-Plenarji tal-Konferenza, il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u l-Avveniment għaċ-Ċittadini Ewropej.

Tista' tara [video editjat](#) jew is-sessjoni kollha fuq il-Multimedia Centre tal-Parlament.

## Il-passi li jmiss

Il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej se jiltaqgħu f'Settembru u Ottubru biex jippreparaw il-kontribut tagħhom għal dibattit fil-plenarja futuri, inkluż sett ta' rakkomandazzjonijiet ta' segwit għall-Unjoni, ibbażati fuq il-kontribuzzjonijiet taċ-ċittadini miġbura permezz tal-Pjattaforma. Il-Konferenza hi impenjata li tagħti l-ispażju kollu possibbli liż-żgħażaq u b'rabta ma' dan, qed ikomplu wkoll il-preparamenti għall-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaq organizzat mill-Parlament Ewropew fit-8-9 ta' Ottubru. Is-sessjoni plenarja li jmiss hija skedata għat-22-23 ta' Ottubru.

## L-isfond

Il-Plenarja tal-Konferenza tħalli 108 rappreżentant mill-Parlament Ewropew, 54 mill-Kunsill (tnejn għal kull Stat Membru), u 3 mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll 108 rappreżentant mill-Parlamenti nazzjonali kollha fuq bażi ugwali, kif ukoll ċittadini. 108 Ewropew se jipparteċipaw f'diskussionijiet dwar ideat li se joħorġu mill-Panels taċ-Ċittadini u mill-Pjattaforma Diġitali Multilingwi: 80 rappreżentant mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, li minnhom għall-inqas terz sejkunu taħt l-letta ta' 25 sena, u 27 mill-Panels Nazzjonali taċ-Ċittadini jew avvenimenti tal-Konferenza (wieħed għal kull Stat Membru), kif ukoll il-President tal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaq. Il-proċess ta' għażla għar-rappreżentanti taċ-ċittadini se jitlesta fil-futur qarib.

Se jieħdu sehem 18-il rappreżentant tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjal Ewropew, u tmienja oħra tas-ħab soċjali u tas-soċjetà ċivili, filwaqt li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà sejkun mistieden għal diskussionijiet relatati mar-rwol internazzjonali tal-UE. Rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati prinċipali jistgħu jkunu mistiedna wkoll. Il-Plenarja tal-Konferenza se tkun bilanċjata bejn il-ġeneri.

Iċ-ċittadini madwar l-Ewropa digħi jistgħu jieħdu sehem fil-Konferenza permezz tal-Pjattaforma Diġitali Multilingwi, disponibbli bl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

## Għal aktar informazzjoni

[Il-Pjattaforma Diġitali għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa](#)

[Il-Karta tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa](#)

[Il-Futur tal-Ewropa: Involvement maċ-ċittadini fil-kostruzzjoni ta' Ewropa aktar reżiljenti](#)

Jibda x-Xogħol fuq il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa  
(bl-ingliż)

[Ritratti, videos u audio mingħajr ħlas \(Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa\)](#)



## Kuntatti

---

Jaume DUCH GUILLOT

EP Spokesperson and Director General for Communication

📞 (+32) 2 28 43000 (BXL)

📞 (+33) 3 881 74705 (STR)

📱 (+32) 496 59 94 76

✉️ [jaume.duch@europarl.europa.eu](mailto:jaume.duch@europarl.europa.eu)

---

Kyriakos KLOSIDIS

Press Officer

📞 (+32) 2 28 32357 (BXL)

📞 (+33) 3 881 74651 (STR)

📱 (+32) 470 96 47 35

✉️ [kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu](mailto:kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu)

---

Sanne DE RYCK

Press Officer

📞 (+32) 2 28 42531 (BXL)

📞 (+33) 3 881 64917 (STR)

📱 (+32) 498 98 34 51

✉️ [sanne.deryck@europarl.europa.eu](mailto:sanne.deryck@europarl.europa.eu)

---